



Brussell, 10 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

6721/26

LIMITE

CORLX 205  
CFSP/PESC 288  
MOG 45  
COHOM 40  
FIN 307

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li timplimenta d-  
Deċiżjoni 2011/235/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u  
entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...**

ta' ...

**li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/235/PESK dwar miżuri restrittivi  
diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/235/PESK tat-12 ta' April 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

---

<sup>1</sup> ĠU L 100, 14.4.2011, p. 51, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2011/235/oj>.

Billi:

- (1) Fit-12 ta' April 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/235/PESK.
- (2) Fid-9 ta' Jannar 2026, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ħareġ dikjarazzjoni fisem l-Unjoni dwar is-sitwazzjoni fl-Iran, filwaqt li nnota bi tħassib kbir ir-rapporti dwar il-vittmi u kkundanna l-użu tal-vjolenza, id-detenzjoni arbitrarja u t-tattiċi ta' intimidazzjoni mill-forzi tas-sigurtà kontra d-dimostranti. Id-dikjarazzjoni appellat biex l-individwi kollha detenuti inġustament talli eżerċitaw id-drittijiet fundamentali tagħhom jinħelsu immedjatament u ħeġġet lill-awtoritajiet Iranjani jaderixxu mal-obbligi internazzjonali tal-Iran u jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet tal-libertà ta' espressjoni, ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda paċifika. Appellat ukoll biex jiġi żgurat id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni, inkluż billi jiġi restawrat l-aċċess għall-internet għal kulħadd.
- (3) F'dak il-kuntest, u f'konformità mal-impenn tal-Unjoni li tindirizza l-kwistjonijiet kollha ta' tħassib mal-Iran, fosthom is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, jenħtieġ li 16-il persuna u tliet entitajiet jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/235/PESK.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2011/235/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni 2011/235/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.


Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

ANNES

Il-persuni u l-entitajiet li għejjin jidiedu mal-lista ta' persuni u entitajiet li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/235/PESK:



Persuni

	Isem	Informazzjoni tal-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“260.	Ali Akbar POUR-JAMSHIDIAN	<p>Funzjoni: Viċi Ministru għall-Intern għal Affarijiet ta' Sigurtà u Infurzar tal-Liġi; Segretarju tal-Kunsill tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Iran</p> <p>Data tat-twelid: 30.12.1962</p> <p>Nazzjonalità: Iranjana</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Ali Akbar Pour-Jamshidian huwa Brigadier Ġeneral tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) u jaqdi kemm ir-rwol ta' Viċi Ministru għall-Intern għal Affarijiet ta' Sigurtà u Infurzar tal-Liġi kif ukoll dak ta' Segretarju tal-Kunsill tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Iran.</p> <p>F'dawk ir-rwoli, Ali Akbar Pour-Jamshidian huwa responsabbli għat-trażżin tal-protesti fit-toroq li bdew f'Diċembru 2025, li wassal għal mijiet ta' vittmi minħabba l-azzjonijiet ta' diversi forzi tas-sigurtà taħt il-kontroll tiegħu. Huwa pparteċipa wkoll fit-tentattiv tar-reġim li jfikkell milli toħroġ il-verità dwar il-vittmi u esprima l-appoġġ tiegħu għall-ghelug tal-internet waqt il-protesti.</p> <p>Għaldaqstant, Ali Akbar Pour-Jamshidian huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' publikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni tal-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
261.	Gholam Ali MOHAMMADI محمدی غلامعلی magħruf ukoll bħala Gholamali MOHAMMADI	Funzjoni: Kap tal-Organizzazzjoni għall-Ħabsijiet u għall-Miżuri ta' Sigurtà u Edukattivi tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran Data tat-twelid: 22.6.1963 Post tat-twelid: Tehran, Iran Nazjonalità: Iranjana Sess: raġel	Gholam Ali Mohammadi huwa l-Kap tal-Organizzazzjoni għall-Ħabsijiet u għall-Miżuri ta' Sigurtà u Edukattivi tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran. F'dak ir-rwol, huwa jissorvelja l-ħabsijiet kollha tal-pajjiż. Matul il-mandat tiegħu, ġie ddokumentat ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-ħabsijiet Iranjani kollha. Tali ksur jinkludu l-użu tat-tortura u ta' forom oħra ta' trattament jew piena krudili, inumana jew degradanti, id-detenzjoni arbitrarja u l-abbuż fiżiku ta' dissidenti politiċi u ta' minoranzi reliġjużi, każijiet ta' vjolenza sesswali u koerċizzjoni kontra prigionieri nisa u l-abbuż u t-tortura tat-tfal. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tal-ħabsijiet Iranjani taħt id-direzzjoni ta' Gholam Ali Mohammadi ċaħdu deliberatament kura medika essenzjali lill-prigionieri politiċi, u b'hekk ikkontribwew għal imwiet taħt kustodja, u naqsu milli jinvestigaw jew jerfgħu responsabbiltà għal dawk il-fatalitajiet.  Għaldaqstant, Gholam Ali Mohammadi huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni tal-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
262.	Davoud Moazami GOUDARZI	Funzjoni: Kap taç- Çiberpulizija ta' Greater Tehran Nazjonalità: Iranjana Sess: raġel	Davoud Moazami Goudarzi huwa l-Kap taç-Çiberpulizija ta' Greater Tehran, parti miç-Çiberpulizija tal-Iran. Iç-Çiberpulizija Iranjana hija unità tal-Pulizija Iranjana, u għandha l-kompitu li tissorvelja l-attività online. Taqdi rwol importanti fil-monitoraġġ tal-media soċjali u l-prosekuzzjoni taç-çittadini b'rabta mal-kontenut diġitali. Fil-mira tagħha jisfaw ta' spiss id-dissidenti u dawk li jopponu r-reġim, imma anke personalitajiet kulturali importanti li ma jikkonformawx mar-rwoli stretti tas-soċjetà u tal-ġeneru, bħal artisti nisa. Hija trażżan il-libertà tal-espressjoni u tinforza ç-çensura billi tagħlaq paġni tal-media soċjali jew tarresta individwi li jsemmgħu leħinhom jew li jippromwovu opinjonijiet li mhumiex appoġġati mir-reġim.  Għaldaqstant, Davoud Moazami Goudarzi huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' publikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni tal-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
263.	Ali SHIRAZI علی شیرازی magħruf ukoll bħala Hojjatoleslam Ali SHIRAZI	Funzjoni: Kap tal-Organizzazzjoni tal-Ideoloġija Politika tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran (magħrufa wkoll bħala FARAJA; LEF) Data tat-twelid: 1962 Post tat-twelid: Rafsanjan, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Ali Shirazi huwa l-Kap tal-Organizzazzjoni tal-Ideoloġija Politika tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran (FARAJA) u eks Rappreżentant tal-Mexxej Suprem fil-kwartieri ġenerali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) f'Sarallah. Fl-istruttura organizzazzjonali tal-FARAJA, l-Organizzazzjoni tal-Ideoloġija Politika taqdi rwol ċentrali billi tippromwovi l-indottrinazzjoni ideoloġika tal-forzi tas-sigurtà. Il-FARAJA ripetutament qdiet rwol ewlieni fit-trażżin vjolenti ta' protesti paċifiċi, u għalhekk hija responsabbli għal ksur mifrux tad-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, matul il-mandat ta' Ali Shirazi fil-kwartieri ġenerali tal-IRGC f'Sarallah, ġie stabbilit pjan li jagħti l-awtorità lill-forzi tas-sigurtà biex f'każ ta' protesti joqtlu u jeskalaw malajr għal forza letali. Għaldaqstant, Ali Shirazi huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' publikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni tal-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
264.	Mohammad Moazami GOUDARZI محمد معظمی گودرزی magħruf ukoll bħala Mohammad Moazzami GOUDARZI	Funzjoni: Kap tal-Pulizija Preventiva; Viċi Kap tal-Pulizija ta' Greater Tehran Data tat-twelid: 21.3.1957 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Mohammad Moazami Goudarzi huwa l-Kap tal-Pulizija Preventiva, Viċi Kap tal-Pulizija ta' Greater Tehran u eks Kmandant tal-Pulizija ta' Karaj u Alborz. Fil-pożizzjonijiet attwali u preċedenti tiegħu, huwa kien involut direttament fit-trażżin vjolenti tal-protesti fl-Iran. Matul il-protesti ta' Diċembru 2025 u Jannar 2026, huwa kien direttament responsabbli għat-tmexxija tal-unitajiet ta' appoġġ, l-għases tal-pulizija u l-iskwadri ta' attakk fit-toroq ta' Tehran. Għaldaqstant, Mohammad Moazami Goudarzi huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni tal-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
265.	Yadollah BOUALI magħruf ukoll bħala Yadollah BUALI	Funzjoni: Kmandant tal-Korp Fajr tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-Provinċja ta' Fars Data tat-twelid: 7.9.1965 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Yadollah Bouali huwa l-Kmandant tal-Korp Fajr tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-Provinċja ta' Fars. Taħt il-kmand tiegħu, il-forzi tal-IRGC fil-Provinċja ta' Fars kienu involuti fir-repressjoni vjolenti tad-dimostrazzjonijiet, inkluż matul il-protesti mal-pajjiż kollu fl-Iran li bdew f'Diċembru 2025, fejn il-forzi tal-IRGC fetħu n-nar fuq id-dimostranti, li rriżultaw fi mwiet u korrimenti. Għaldaqstant, Yadollah Bouali huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' publikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni tal-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
266.	Seyed Hashem GHIASI غياثى هاشم سيد magħruf ukoll bħala Hashem GHIASI; Hashem GHIYASI	Funzjoni: Kmandant tal-Korp Imam Reza tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Seyed Hashem Ghiasi huwa l-Kmandant tal-Korp Imam Reza tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika, il-fergħa lokali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-Provinċja ta' Khorasan Razavi. Taħt il-kmand tiegħu, il-forzi tal-IRGC u tal-Basij fil-Provinċja ta' Khorasan Razavi kienu involuti fir-repressjoni vjolenti tad-dimostrazzjonijiet, inkluż matul il-protesti mal-pajjiż kollu fl-Iran li bdew f'Diċembru 2025, fejn il-forzi tal-IRGC fetħu n-nar fuq id-dimostranti, li rriżultaw fi mwiet u korrimenti.  Għaldaqstant, Seyed Hashem Ghiasi huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	+

	Isem	Informazzjoni tal-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
267.	Ahmad DARVISH GOFTAR گفتار درویش احمد	Funzjoni: Kap tal-Qorti Rivoluzzjonarja ta' Rasht u President tal-Ewwel Fergħa tagħha Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Ahmad Darvish Goftar huwa l-Kap tal-Qorti Rivoluzzjonarja ta' Rasht u l-President tal-Ewwel Fergħa ta' dik il-qorti. F'dak ir-rwol, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari konfessjonijiet furzati, ksur ta' garanziji ta' proċess ġust u l-ġhoti ta' sentenzi ħorox jew ta' piena kapitali kontra attivisti. Għaldaqstant, Ahmad Darvish Goftar huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	+
268.	Mohammad Ali Ahmad DARVISH GOFTAR	Funzjoni: Kap tat-Tieni Fergħa tal-Qorti Rivoluzzjonarja ta' Rasht Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Mohammad Ali Ahmad Darvish Goftar huwa l-Kap tat-Tieni Fergħa tal-Qorti Rivoluzzjonarja ta' Rasht. F'dak ir-rwol, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari konfessjonijiet furzati, ksur ta' garanziji ta' proċess ġust u l-ġhoti ta' sentenzi ħorox jew ta' piena kapitali kontra attivisti. Għaldaqstant, Mohammad Ali Darvish Goftar huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni tal-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
269.	Seyed Qasim QURESHI سيد قاسم قریشی magħruf ukoll bħala Sardar Seyyed Ghasem QURESHI; Sardar Seyed Ghasem GHOREISHI	Funzjoni: Viċi Kmandant tal-Forzi tal-Basij Nazjonalità: Iranjana Sess: raġel	Seyed Ghassem Qureshi huwa l-Viċi Kmandant tal-Forzi tal-Basij, fergħa paramilitari tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC). Huwa għandu karriera twila fl-IRGC li tmur lura għall-gwerra bejn l-Iran u l-Iraq. Huwa serva bħala l-Kmandant tal-Organizzazzjoni ta' Reżistenza Basij f'Qom mill-1999 sal-2002 u bħala Viċi Spettur tal-Forzi ta' Reżistenza Basij mill-2002 sal-2006.  Fil-pożizzjoni attwali tiegħu, Seyed Ghassem Qureshi jikkmanda organizzazzjoni akkużata bi ksur sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż it-trażżin brutali tal-protesti. Il-forzi tal-Basij ġew akkużati ripetutament li użaw armi tan-nar, swat qalil u qtil intenzjonat ta' dimostranti matul ir-repressjoni tal-protesti, inkluż il-protesti reċenti li bdew f'Diċembru 2025.  Għaldaqstant, Seyed Ghassem Qureshi huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni tal-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
270.	Ahmad BIGDELI بيگدلی احمد magħruf ukoll bħala Ahmad BIGDALI	Funzjoni: Viċi Kap tal-Operazzjonijiet fil-Kwartieri Ġenerali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) ta' Sarallah Nazjonalità: Iranjana Sess: raġel	Ahmad Bigdeli huwa l-Viċi Kap tal-Operazzjonijiet fil-kwartieri ġenerali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) ta' Sarallah. Il-kwartieri ġenerali ta' Sarallah jaqdu rwol kruċjali fil-koordinazzjoni tal-operazzjonijiet ta' sigurtà tal-forzi tal-art tal-IRGC, il-forzi tal-Basij u unitajiet oħra. Dawk il-forzi kienu atturi ewlenin fir-repressjoni vjolenti mir-reġim tal-protesti reċenti li bdew f'Diċembru 2025. Ir-responsabbiltajiet ta' Bigdeli jinkludu t-tweqqif ta' eżerċizzji ta' taħriġ u s-sorveljanza tal-operazzjonijiet fuq il-post.  Għaldaqstant, Ahmad Bigdeli huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni tal-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
271.	Mohammad NASIRI POUR پور نصیری محمد	Funzjoni: Viċi Prosekutur ta' Tehran u Aġent Kap tal-Uffiċċju tal-Prosekutur għad-Distrett 33 ta' Tehran (magħruf ukoll bħala Evin Prosecution Office)	<p>Mohammad Nasiri Pour huwa l-Viċi Prosekutur ta' Tehran u l-Aġent Kap tal-Uffiċċju tal-Prosekutur għad-Distrett 33 ta' Tehran (magħruf ukoll bħala Evin Prosecution Office). Barra minn hekk, huwa l-eks superviżur tal-Qorti ta' Evin (Evin Court) fejn serva ta' maġistrat istruttur u għall-eżekuzzjoni tal-pieni.</p> <p>F'dawk ir-rwoli, ipparteċipa fi prosekuzzjonijiet kontra attivisti ċivili u soċjali, inkluż attivisti tad-drittijiet tan-nisa, kif ukoll kontra ġurnalisti u attivisti politiċi kritiċi tar-Repubblika Iżlamika. Fir-rwol tiegħu ta' ħidma fis-sistema ġudizzjarja Iranjana, huwa responsabbli għal ksur ta' proċess ġust bħaċ-ċaħda ta' aċċess għal avukat, kundizzjonijiet inumani ta' detenzjoni, pressjoni fuq il-membri tal-familja u tortura psikoloġika.</p> <p>Għaldaqstant, Mohammad Nasiri Pour huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni tal-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
272.	Amirhossein TARIAN تاریان امیرحسین	Funzjoni: Viċi Prosekutur tal-Ewwel Fergħa tal-Uffiċċju tal-Prosekutur għad-Distrett 33 ta' Tehran (magħruf ukoll bħala Evin Prosecution Office)  Data tat-twelid: 1990 Post tat-twelid: Nowshahr, Iran  Nazjonalità: Iranjana Sess: raġel	Amirhossein Tarian huwa wieħed mill-Viċi Prosekuturi tal-Ewwel Fergħa tal-Uffiċċju tal-Prosekutur għad-Distrett 33 ta' Tehran (magħruf ukoll bħala Evin Prosecution Office). F'dak ir-rwol, huwa kien involut f'diversi każijiet fejn iċ-ċittadini ġew imħarrka, akkużati u sussegwentement ipproċessati mingħajr garanzija ta' proċess ġust, li wassal għal pieni ħorox, inkluż il-piena tal-mewt.  Għaldaqstant, Amirhossein Tarian huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	+
273.	Naser Jalayer SARNAGHI سرنگی جالایر ناصر	Funzjoni: Viċi Prosekutur tal-Ewwel Fergħa tal-Uffiċċju tal-Prosekutur għad-Distrett 33 ta' Tehran (magħruf ukoll bħala Evin Prosecution Office) u investigatur Nazjonalità: Iranjana  Sess: raġel	Naser Jalayer Sarnaghi huwa wieħed mill-Viċi Prosekuturi tal-Ewwel Fergħa tal-Uffiċċju tal-Prosekutur għad-Distrett 33 ta' Tehran (magħruf ukoll bħala Evin Prosecution Office), u investigatur f'dak l-Uffiċċju ta' Prosekuzzjoni (Prosecution Office).. F'dak ir-rwol, huwa kien involut f'każijiet fejn ċaħad l-aċċess għal proċess ġust u li ressaq akkużi inġusti kontra attivisti politiċi u tad-drittijiet ċivili, b'mod partikolari attivisti nisa, li wassal għal pieni ħorox, inkluż il-piena tal-mewt.  Għaldaqstant, Naser Jalayer Sarnaghi huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni tal-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
274.	Mahmoud Ħaj MORADI مرادی حاج محمود	Funzjoni: Investigatur fl-Uffiċċju tal-Prosekutur għad-Distrett 33 ta' Tehran (magħruf ukoll bħala Evin Prosecution Office). Nazjonalità: Iranjana Sess: raġel	Mahmoud Ħaj Moradi huwa investigatur fl-Uffiċċju tal-Prosekutur għad-Distrett 33 ta' Tehran (magħruf ukoll bħala Evin Prosecution Office). F'dak ir-rwol, huwa pparteċipa fil-prosekuzzjoni inġusta tan-nisa. Qeda rwol fil-ftuħ ta' kawżi kontra attivisti ċivili u soċjali, kif ukoll kontra ġurnalisti u attivisti politiċi kritiċi tar-Repubblika Iżlamika. B'dan l-aġir, Ħaj Moradi kiser id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u d-dritt għal proċess ġust. Għaldaqstant, Mahmoud Ħaj Moradi huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	+
275.	Hossein YEKTA	Funzjoni: Kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) Data tat-twelid: 27.11.1967 Data tat-twelid: Qom, Iran Nazjonalità: Iranjana Sess: raġel	Hossein Yekta huwa Kmandant għoli tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) li jirrekluta u jindottrina għall-IRGC. Matul il-protesti li bdew f'Diċembru 2025, appoġġa pubblikament l-isparar fuq dimostranti paċifiċi. Għaldaqstant, Hossein Yekta huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	+ <sup>27</sup> ;

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' publikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni tal-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“52.	Naji Research and Development Company (NRDC) ناجی توسعه و پژوهش شرکت	Indirizz: Mirdamad Blvd, Tehran, Tehran Province, 1518964613, Iran Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Privata Post tar-reġistrazzjoni: Tehran, Iran Data tar-reġistrazzjoni: 2005 Sit web: www.epolice.ir	Naji Research and Development Company (NRDC) hija kumpanija Iranjana tas-servizzi tal-IT u ta' konsulenza li hija responsabli għall-iżvilupp tal-applikazzjoni mobbli Nazer għall-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi tal-Iran. L-applikazzjoni mobbli Nazer tintuża bħala għodda ta' sorveljanza għall-monitoraġġ u l-kontroll taċ-ċittadini fl-Iran. Hija tippermetti lil individwi awtorizzati mill-istat jirrapportaw individwi oħra talli kisru r-regoli tal-ħiġab u għal imġiba li tmur kontra l-moralità pubblika. L-individwi rrapportati fuq l-applikazzjoni mobbli Nazer jistgħu jkunu soġġetti għal proċessi kriminali u pieni, inkluż multi, priġunerija u swat. Għaldaqstant, NRDC hija responsabli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' publikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni tal-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
53.	Mohammad Rasulullah Corps	Indirizz: Niayesh Highway, Tehran, Iran	<p>Il-Mohammad Rasulullah Corps (Korp Mohammad Rasullah) huwa responsabbli għall-koordinazzjoni tal-forzi tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) u ta' Basij f'Tehran. Dawk il-forzi kienu involuti fir-repressjoni vjolenti tad-dimostrazzjonijiet, inkluż matul il-protesti mal-pajjiż kollu fl-Iran li bdew f'Diċembru 2025, fejn il-forzi tal-IRGC u ta' Basij fetħu n-nar fuq id-dimostranti, li rriżulta fi mwiet u korrimenti.</p> <p>Għaldaqstant, il-Korp Mohammad Rasulullah huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' publikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni tal-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
54.	Imam Reza Islamic Revolutionary Guard Corps magħruf ukoll bħala Imam Reza Corps	Indirizz: Mashhad, Iqbal, Kohestan St., Iran	L-Imam Reza Islamic Revolutionary Guard Corps (Korp Imam Reza tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika) huwa l-fergħa lokali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-Provinċja ta' Khorasan Razavi, u għalhekk jikkmanda l-forzi tal-IRGC u ta' Basij fil-Provinċja ta' Khorasan Razavi. Dawk il-forzi kienu involuti fir-repressjoni vjolenti tad-dimostrazzjonijiet, inkluż matul il-protesti mal-pajjiż kollu fl-Iran li bdew f'Diċembru 2025 fejn il-forzi tal-IRGC fetħu n-nar fuq id-dimostranti, li rriżulta fi mwiet u korrimenti.  Għaldaqstant, il-Korp Imam Reza tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.